# IT-TIELET SEZZJONI
# APPELLI INFERJURI

**14 ta' Jannar, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

Carmelo Brincat

*versus*

Emmanuele Stivala

**Kompetenza — Valur — Art. 792 tal-Kap. 15.**

*Domanda biex il-konvenut jiġi kundannat jirrimwovi xi alterazzjonijiet strutturali minnu magħmula f'fond minnu detenut, mingħajr ma jkun fiha speċifikat f'hix jikkonsistu dawk l-alterazzjonijiet strutturali u kemm timporta l-ispiża għar-rimozzjoni tagħhom, hija ta' valur indeterminat.*

*U jekk l-attur, li jipproponi domanda simili quddiem il-Qorti Ċivili Inferjuri, ma jsemmix xi somma determinata ta' flus bħala kumpens minnu aċċettabbli minflok ir-rimozzjoni ta' dawk l-alterazzjonijiet, jew b'xi mod jillimita l-valur fil-kompetenza ta' dik il-Qorti, l-oġġett tat-talba jibqa' fl-inċertezza tal-valur tiegħu; b'mod li l-valur kien u baqa' indeterminat.*

*Il-Qorti Ċivili Inferjuri, hija, għalhekk, inkompetenti "ratione valoris" li tieħu konjizzjoni ta' talba simili u tiddeċediha.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tas-26 ta' Novembru 1960, fejn tinsab imniżżla t-talba tal-attur u s-sentenza tal-Qorti Ċivili Inferjuri tal-Maġistrati ta' Malta, li minnha hemm appell quddiem din il-Qorti;

Rat l-attijiet kollha tal-kawża u semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant qajjem quddiem l-Ewwel Qorti, skond verbal tat-30 ta' Awissu 1960 (fol. 2), l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ta' dik il-Qorti "ratione valoris", peress li t-

talba, kif konċepita u dedotta fl-avviż, hija ta' valur indeterminat. L-Ewwel Qorti naqset li tiddeċidi dik l-eċċezzjoni, iżda fuq dik l-ommissjoni l-appellant ma ta ebda eċċezzjoni quddiem din il-Qorti, u reġa tenna l-istess eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Ewwel Qorti "ratione valoris";

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant ma ħax ħsieb quddiem l-Ewwel Qorti jispeċifika f'hix kienu jikkonsistu l-alterazzjonijiet strutturali msemmija fl-avviż, u lanqas x'kienet timporta l-ispiża tar-rimozzjoni tagħhom. Lanqas semma ebda somma determinata ta' flus bħala kumpens aċċettabbli għalieh f'lok ir-rimozzjoni tal-alterazzjonijiet strutturali fuq imsemmija, jew b'xi mod illimita l-valur fil-kompetenza tal-Ewwel Qorti. B'hekk l-attur ħalla l-oġġett tat-talba tiegħu fl-inċertezza tal-valur tiegħu, b'mod li l-valur kien u baqa' indeterminat. U lanqas ma jista' jiġi determinat bil-mezzi li tagħti l-liġi għall-finijiet tal-kompetenza;

F'każ simili għall-preżenti, din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Novembru 1941, in re "Vincenzo Brincat vs. Giuseppe Busuttil", irriteniet li s-suppożizzjoni li l-ispiża hija anqas minn £10 mhix biżżejjed biex tirradika l-kompetenza ta' dik il-Qorti. U tabilħaqq, ma hemmx element biżżejjed speċifiku biex il-Qorti jkollha kriterju għall-istima, jew biex tadotta opinjoni komuni, jew prezzijiet korrenti;

Għaldaqstant, lanqas ma jista' jiġi applikat l-art. 762 tal-Proċedura Ċivili, "si et quatenus";

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenut appellant, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' l-eċċezzjoni tal-inkompetenza "ratione valoris"; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat.